Kelmtejn mis-Surmast Direttur (2012)

# ONICILLUP[1] – ATTORIP/PIROTTA - PULLICINO

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Dan l-artiklu huwa wieħed minn sensiela ta' kitbiet li jġibu l-isem ta' 'Kelmtejn mis-Surmast Direttur'. L-għan tagħhom huwa li, jinfurmaw u/jew jedukaw lil dawk is-soċi li huma membri fi ħdan l-istess għaqda, xirka, soċjetà, assoċjazzjoni, unjoni, jew klabb mużikali, u b'mod aktar ġenerali, lil dawk li jiffrekwentaw il-każini tal-banda, jew sempliċiment għax huma dilettanti tal-festi maltin. Il-messaġġ tas-surmast direttur, flimkien ma' oħrajn miktubin minn xi membri tal-kumitat u l-kappillan tar-raħal, tkun bil-wisq mistennija fil-ktieb li joħroġ għall-festa sena wara l-oħra.

Kliem muftieħ: Festa San Ġiljan, Mro. Angelo Pullicino, Onicillup, Għaqda Każini tal-Banda, Radio City Opera House (Ħamrun), Banda 'San Ġiljan' San Ġiljan.

Illum reġgħet ġiet il-gaffa goffa fuq in-naħa ta' wara tad-dar (fuq il-mina ta' San Ġiljan) fejn noqgħod u bi snienha tal-azzar ileqq, qaċċtet kemm felħet siġar xwejħin fejn għasafar għannejja, qtates newwieħa u ħlejjaq oħra fraġli s-soltu kienu jistkennu u b'leħinhom jiksru, b'mod stramb imma naturali, is-skiet tal-madwar. U dik li xi darba kienet veduta sabiħa u kwieta, bħal stampa fuq kartolina li tibdel lwienha skont l-istaġuni, issa spiċċat ħesrem biex għad tagħmel il-wisa' għall-bini ċass u bla rażan u triqat bla ħajja u mimlija dħaħen iniġġsu. Din l-esperjenza li qed ngħaddi minnha bħalissa ġagħlitni naħseb fuq jekk f'ħajjitna hux tassew li qedin mexjin 'il quddiem (progress) jew lura (rigress), jonkolla lura bil-quddiem (rigress progressiv) jew 'il quddiem b'lura (progress rigressiv) bħalma jiġri f'ossimoru – figura fid-diskors fejn żewġ kelmiet b'sens oppost jitlaqqgħu.

L-għemejjel kollha, tajbin u/jew ħżiena li jitwettqu minn kull individwu, waħdu jew fi grupp, żgħir, imdaqqas jew kbir, ser iħallu l-impronta tagħhom. Dan huwa dak li jiġri f'kull għaqda, xirka, soċjetà, assoċjazzjoni, unjoni, jew klabb. F'każ ta' Każin tal-banda bħalma hu dak ta' San Ġiljan, parti mix-xogħol siewi u mportanti tas-segretarju ta' kull żmien, kien, għadu u jibqa', li jniżżel dak kollu li jiġi diskuss u deċiż mill-Kumitat sa lanqas punt u virgola. B'hekk biss aħna, u l-ġenerazzjonijiet ta' warajna, inkunu nistgħu nduqu mill-benna tal-patrimonju li jkunu ħallewlna ta' qabilna. Qed ngħid hekk, għax jekk il-minuti jinżammu sew fil-kotba, minnhom tista' tislet ġrajjiet imgħoddija biex bihom issensel ħannieqa ta' suċċessi.




Kif naħseb jaf kulħadd, il-Każin Banda San Ġiljan dis-sena qed jiċċelebra l-85 anniversarju mit-twaqqif tiegħu fl-1927. Bla ma noqgħod nidħol fl-istorja glorjuża tiegħu, nista' ngħid li, din hija l-eqdem għaqda soċjali li għandna fir-raħal marittmu tagħna, li minn daqsxejn ta' raħal remot tal-villeġġjanti benestanti, firex djulu u sar belt li tħaddan kull tip ta' kummerċ, saħansitra toffri divertiment notturn għaż-żgħażagħ tagħna u t-turisti li ta' kull sena jiġu jżuruna.

Bla ma nipprova ninstema' espliċitu żżejjed, sibt li bejni u bejn is-Surmast Angelo Pullicino jeżistu ċertu paralleliżmi ħelwin, mhux għax kunjomna jibda bl-ittra 'P', imma fis-sens li, ngħidu aħna, it-tnejn li aħna dħalna ndoqqu, għalkemm fi żmenijiet totalment differenti, mal-Banda Ċittadina King's Own pjuttost ta' età żgħira, hu bl-ewfonju u jien bil-klarinett. Naturalment, Pullicino kien laħaq surmastrijiet taljani ta' qabel il-Gwerra, filwaqt li jien ilħaqt biss lil

[1] 'Onicillup' hu l-isem ta' wieħed mill-ħafna marċi brijużi li kiteb Mro. Angelo Pullicino (1904-1979). Dan l-isem kien ingħata minn John Agius, li kien joqgħod bieb ma' bieb mas-surmast. L-isem tiegħu ġabu billi qeleb kunjom is-surmast biex jiġi jaqra ta' wara quddiem.

Carmelo Caruana. F'sens ukoll, għalkemm f'epoki differenti, bil-ħidma rispettiva tagħna tellajna xogħol fuq skala nazzjonali. Forsi l-apiċe fil-karriera mużikali ta' Pullicino (u wkoll, paġna glorjuża fl-istorja tal-Banda San Ġiljan li tagħha kien surmast) intlaħqet meta hu, flimkien ma' tliet surmastrijiet magħrufin oħra li kienu jservu fuq il-*Board of Band Masters,* intagħżlu biex jidderieġu kunċert vokali u strumentali mill-Banda Nazzjonali ta' Malta fir-*Radio City Opera House.* F'dal-kunċert, ippreżentat mill-*Malta Band Clubs' Association* u b'kooperazzjoni tal-*Rediffusion (Malta) Ltd*., Pullicino kien iddirieġa selezzjoni mill-*Andrea Chenier* ta' Giordano u s-sinfonija *La Forza del Destino* ta' Verdi, Fil-kunċert ta' nhar is-Sibt 25 ta' Frar 1961, kienu ħadu sehem ukoll is-Sopran Hilda Tabone, it-Tenur Joe Farrugia, u l-kor tal-Ħamrun taħt id-direzzjoni ta' Dun Ġużepp Cachia.




U aktar milli l-istorja tirrepeti ruħha - għalkemm fil-każ tiegħi għadu kmieni wisq biex wieħed jgħid li din kienet l-apiċe ta' ħajti - daqs ħamsin sena wara, eżattament nhar il-Ħadd 7 ta' Novembru 2010, il-Banda San Ġiljan, taħt il-bakketta tiegħi, kellha terġa' iddoqq did-darba fit-Teatru Manoel f'kunċert sinfoniku organizzat mill-Għaqda Każini tal-Banda. Mhux b'kumbinazzjoni lanqas li, f'dal-kunċert indaqqew xogħlijiet oriġinali ta' Pullicino u tiegħi, biex b'hekk wieħed ikompli jibni fuq is-suċċess tal-ieħor u l-istorja tkun waħda twila u sħiħa mimlija b'memorji sbieħ.

Hemm paralleliżmi oħrajn li huma komuni bejni u bejn Pullicino, imma għal-lum nagħżel li nieqaf hemm. Ngħid biss li, l-Eżekuttiv tal-Għaqda Każini tal-Banda dan l-aħħar għoġbu wkoll jaħtarni biex inkun wieħed mill-membri fuq il-*working group* li qed f'diskussjoni mal-Ministerju tal-Edukazzjoni biex jiddiskuti u jimplimenta l-inizjattiva tal-proġett *Il-Ġimgħa tal-Banda* fl-iskejjel primarji kollha tal-gvern f'Malta u Għawdex.

... U sakemm dawn il-kelmtejn tiegħi ġew fi tmiemhom, il-gaffa goffa laħqet telqgħet u warajha ma ħalliet xejn ... għajr ħerba.